# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 302/2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Simon Debono**

Illum 22 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Simon Debono**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 32165(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-1 ta' Novembru 2016 u qabel din id-data ġewwa Simon Estates Office, Triq ir-Repubblika, Valletta bħala Direttur tal-kumpanija Simon Estates Limited:

1. naqas li javża lil Jobsplus li ħaddem miegħu lil Joelene Zammit.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Ottubru 2019 fejn il-Qorti, wara li rat Regolamenti 3(a), 5 u 10 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 343.23 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u kkundannatu jħallas multa ta' elf, mija u sittin Euro (€1,160).

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-12 ta' Novembru 2019 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata tat-28 ta' Ottubru 2019 in kwantu sabet lill-esponent ħati u kkundannatu jħallas multa ta' €1160 u tilliberah minflok minn kull imputazzjoni u ħtija, u f'kull każ, u mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba, tħassar il-piena nflitta u/jew tirriduċi l-istess piena fis-sens u għar-raġunijiet fuq esposti u/jew alternattivament ukoll, tikkundanna lill-esponent għal piena oħra taħt l-artikoli relevanti taħt il-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-20 ta' April 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq żewġ aggravji. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dawn l-aggravji.

Illi l-ewwel aggravju huwa li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-każ tagħha għax ma nġiebu ebda provi li setgħu jwasslu lill-Ewwel Qorti għas-sejbien ta' ħtija. L-appellant jisħaq li l-preżunzjoni li hemm f'Regolament 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 343.23 tal-Liġijiet ta' Malta[1] mhijiex waħda assoluta u li l-Ewwel Qorti straħet fuq il-preżunzjoni u naqset u skartat għal kollox dak li xehdu Simon Debono u Joelene Zammit. Jargumenta li s-soċjeta' Simon Estates (Naxxar) Limited għandha ftehim ma' persuni fuq bażi ta' kummissjoni u li Joelene Zammit kienet tagħmel listi ta' proprjetajiet billi ddaħħalhom fuq is-sistema tar-reklamar tal-kumpanija u li jekk jinkrew hi kienet tieħu persentaġġ. Jgħid li f'din l-attivita' Joelene Zammit ma kellhiex wisq suċċess. Huwa jirreferi għal dak li (kien) jipprovdi Regolament 3(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li d-definizzjoni ta' "impjegat" li tidher f'Artikolu 2 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta teskludi xogħol jew servizz mogħti fi sfond professjonali jew bħala kuntrattur għal persuna oħra meta dak ix-xogħol jew servizz ma jkunx regolat minn kuntratt ta' servizz speċifiku. Jgħid li Joelene Zammit xehdet li ma kellhiex kuntratt ta' servizz u li għalhekk Regolament 3(a) ma japplikax għaliha. Jgħid li Regolament 5 jagħti alternattiva: *"persuna impjegata jew li taħdem għal rasha"* u jisħaq li l-Ewwel Qorti ma qisitx it-tieni possibilita'. Jgħid ukoll li x-xogħol ta' *estate agency* isir mill-kumpanija Simon Estates (Naxxar) Limited u dwar din ma kienx akkużat u ma nġiebet ebda prova mill-Prosekuzzjoni. Jagħlaq dan l-ewwel aggravju billi jgħid li fi proċeduri penali l-provi jridu jwasslu għal sejbien ta' ħtija mingħajr dubju dettat mir-raġuni u jagħmel riferenza għal ġurisprudenza.

Illi din il-Qorti tinnota li l-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar apprezzament tal-provi. Kif intqal minn din il-Qorti diversi

[1] Il-Qorti tinnota li l-Leġislazzjoni Sussidjarja kollha ta' Kapitolu 343 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet trasposta taħt il-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta.

drabi din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi din il-Qorti eżaminat il-fatti li joħorġu mill-provi prodotti u jirriżultalha, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- **Joelene Zammit** (*a fol.* 27 *et seq.*) xehdet li hija qatt ma kienet impjegata għaliex kienet sensara jew *listing agent*. Tgħid li hija ma tkunx man-nies u kemm issib il-proprjeta'. Tixhed li jekk tkun taf b'xi proprjeta' jew tgħid lill-kumpanija jew kienet tidħol hi. Tgħid li kienet tmur il-belt Valletta, tiġi mogħtija *one-time password* u tinserihom fil-kompjuter. Tgħid li hi qatt ma kellha salarju iżda kienet tieħu kummissjoni ta' ħamsa fil-mija (5%) jew għaxra fil-mija (10%). Tgħid li kienet involuta f'bejgħ jew kiri iżda ma kinitx involuta man-nies. Fil-kontro-eżami qalet li ma kellhiex ħinijiet tax-xogħol u li l-*password* kienet tkun differenti.

- **Louis Buhagiar** (*a fol.* 31 *et seq.*) ippreżenta l-*employment history* (*a fol.* 3 *et seq.*) ta' Joelene Zammit.

- **Carmel Bonello** (Spettur mal-Jobsplus – *a fol.* 32 *et seq.*) xehed li fl-1 ta' Novembru 2016 kienu għamlu spezzjoni fl-aġenzija Simon Estates fejn sab lil Joelene Zammit waħidha bil-qegħda wara l-kompjuter tistenna l-klijenti. Jgħid li hi kienet qaltlu li kienet taħdem *part-time* ma' Simon Estates. (*A fol.* 12 jidhru l-kliem: *"Part Time – just started"*).

- **Massimo Persiano** (Spettur ieħor mal-Jobsplus – *a fol.* 36 *et seq.*) qal li kien sema' lill-kollega tiegħu Carmel Bonello jitkellem ma' Joelene Zammit u li hi kienet qaltlu li taħdem *part-time*.

- L-appellant **Simon Debono** (*a fol.* 39 *et seq.*) qal li kellu żewġ impjegati mal-kumpanija – waħda *housekeeper* u oħra fl-*IT administration*. Jgħid li Simon Estates Limited hija *construction company* u mhux dik li hemm fl-uffiċju tal-belt Valletta u li Simon Estates (Naxxar) Limited biss għandha impjegati. Jgħid li l-*estates agents* ikunu *self-employed* u jieħdu erbgħin fil-mija (40%) tal-*commission* meta jbiegħu l-proprjeta', għaxra fil-mija (10%) meta jdaħħluhom u ħamsa fil-mija (5%) jekk diġa' kienet fuq il-kotba. Jgħid li Joelene Zammit kienet sensara u li dak in-nhar tal-akkadut kienet qed tistenna lilu u l-*manager* għax kellhom klijent u hi m'għandhiex vettura u tmur bix-xarabank. Jgħid li bl-Ingliż hija *listing agent* u bil-Malti sensar li ma jbiegħx. Jgħid li hi ma kellha ebda ħinijiet magħhom u li l-kumpanija li ssemmiet mhijiex il-kumpanija li topera minn dak l-uffiċju. Jgħid li l-*estate agents* li jkollu x'jaqsam magħhom hu huma kollha *self-employed* u li l-*estate agents* li qegħdin impjegati miegħu *full-time* jidħlu fid-9.00am u jitilqu fil-5.00pm. Jgħid li f'sentejn Zammit kellha tmintax-il kummissjoni li jvarjaw minn tnejn u għoxrin Euro (€22.00) sa ħamsa u sittin Euro (€65.00).

- Fis-sottomissjonijiet orali (*a fol.* 45 *et seq.*) id-difiża ssottomettiet li Simon Estates Limited ma tagħmilx xogħol ta' senserija u li l-imputazzjoni tagħmel riferenza għal Simon Estates Limited.

Illi din il-Qorti tinnota li Joelene Zammit instabet fl-uffiċju tal-belt Valletta u li d-dokument li jinsab *a fol.* 13A jindika li l-appellant kien id-direttur ta' Simon Estates Limited (C35786). L-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant hija waħda sempliċi: li naqas li javża lil Jobsplus li ħaddem miegħu lil Joelene Zammit. M'hemmx dubju li Zammit instabet fl-uffiċju fi Triq ir-Repubblika, il-belt Valletta. Hija qalet li taħdem ma' Simon Estates bħala *part-time* u dan jirriżulta mix-xiehda tal-iSpettur Carmel Bonello kif ukoll mid-dokument li jinsab *a fol.* 12. Minn naħa l-oħra la l-appellant direttur u lanqas Joelene Zammit ma jaqblu li hi kienet taħdem jew li kellha xi kuntratt ta' impieg ma' Simon Estates.

Illi Regolament 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 594.17 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Kull persuna li tagħmel xogħol ġewwa fabbrika, uffiċċju, ħanut jew post ieħor ta' xogħol titqies għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti li hija persuna impjegata jew li taħdem għal rasha."

Illi d-difiża ssottomettiet li l-Ewwel Qorti ma qisitx l-alternattiva li persuna tkun qed taħdem għal rasha. Iżda dan mhux eżatt għax wieħed irid iqis l-iskop ta' dan ir-Regolament li hu li jkun hemm *man-power survey* tajjeb u li jekk wieħed jinstab ġewwa fabbrika, uffiċju, ħanut jew post ieħor tax-xogħol, allura, la qiegħed hemm dan jew huwa impjegat jew inkella jaħdem għal rasu. Dan ifisser li jekk wieħed daħal, per eżempju, f'dolċerija u sab persuna waħda hemm ġew, mela din il-persuna hija jew impjegata jew taħdem għal rasha. Issa f'dan il-każ meta l-iSpettur staqsa lil Joelene Zammit ma' min kienet taħdem, hija wieġbet li kienet taħdem ma' Simon Estates u meta staqsiha l-pożizzjoni tagħha hija weġbitu li kienet hemm fuq bażi *part-time*.

Illi din l-Qorti ma għandhiex għalfejn tiddubita li ngħad il-kliem imsemmi hawn fuq. Il-Qorti tinnota li kien wara, fil-Qorti, li ngħatat spjegazzjoni differenti kemm minn Joelene Zammit kif ukoll mill-appellant. Il-Qorti tistaqsi: jekk Joelene Zammit kienet qed taħdem kif kienet qed tgħid hi, u kif ingħad fis-sentenza appellata, għal madwar tliet snin, allura kif hi ma spjegatx mill-ewwel lill-uffiċjal inkarigat li hija sensara li ma tarax in-nies?

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad fuq, hija l-fehma tal-Qorti li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant u li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet ħtija tagħha fl-appellant. Għalhekk, il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena. Huwa jisħaq li l-parametri tal-multa huma bejn mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) u elf, mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1164.69). Jargumenta li ġialadarba kienu jeżistu dubji ċari dwar il-ħtija *o meno* dan kellu jservi bħala attenwant jew mitigant u ma kienx jinħtieġ li l-piena tkun fil-massimu tagħha.

Illi din il-Qorti ma tantx għandha wisq xi tgħid dwar dan l-aggravju għajr li ser tilqgħu minħabba li ma jirriżultalhiex raġuni valida għala l-Ewwel Qorti imponiet multa kważi fil-massimu tagħha fil-konfront tal-appellant. B'hekk ser ikun hemm temperament fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Simon Debono u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas multa ta' elf, mija u sittin Euro (€1,160) u minflok tikkundannah iħallas multa ta' ħames mitt Euro (€500);

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**